

ECHA/NA/12/29

ECHA u MSCAs iwittu t-triq għal valutazzjoni ulterjuri tan-nanomaterjali f'REACH

F'workshop ta' jumejn, l-ECHA qasmet l-esperjenzi mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u Partijiet Interessati Akkreditati fil-valutazzjoni ta' dossiers ta' reġistrazzjoni li fihom nanomaterjali u pproponiet it-tnedija ta' grupp ta' ħidma tal-ECHA dwar in-nanomaterjali. L-aħjar Prattiki, miġbura mir-reġistranti li diġà rreġistraw nanomaterjali, se jrin jixterdu fil-futur qarib bil-għan li jiġu meġhuna dawk ir-reġistranti li għandhom bżonn jirreġistraw nanomaterjali sal-31 ta' Mejju 2013. Fil-valutazzjoni tagħha tas-sustanzi fil-forma nano, l-ECHA sejra tuża r-rakkomandazzjoni tal-UE dwar id-definizzjoni ta' nano bħala l-punt ta' riferiment.

Helsinki, 8 ta' Ġunju 2012 - L-ECHA organizzat workshop li jikkonċerna l-ewwel esperjenzi tagħha bin-nanomaterjali f'REACH b'enfasi fuq il-proċess ta' Valutazzjoni. Fl-avveniment ta' jumejn, l-ECHA, l-MSAs, il-Partijiet Interessati u l-Kummissjoni Ewropea ddiskutew kif in-nanomaterjali inġenerali ġew ikkaratterizzati fid-dossiers ta' reġistrazzjoni. Bħalissa, il-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni (jiġifieri jekk u kemm-il forma nano hija inkluża) spiss ma jkunx ċar u l-livell ta' tagħrif nano speċifiku pprovdut (eż. karatterizzazzjoni tas-sustanza, perikli, espożizzjoni u riskji) juri li għad hemm fejn isir titjib. Aktar minn 50 parteċipant espert mill-MSAs iddiskutew l-isfidi xjentifiċi u tekniċi kif ukoll il-proċessi regolatorji li r-REACH toffri sabiex jiġu indirizzati l-aspetti relatati mas-sigurtà tan-nanomaterjali.

L-ECHA qabiet mar-rappreżentanti tal-MSA fuq approċċ komuni biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti attwali ta' tagħrif fid-dossiers ta' nanomaterjali filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-inċertezzi xjentifiċi u l-qafas leġislattiv ipprovdut minn REACH. Il-workshop ipprovdha rakkomandazzjonijiet dwar kif l-ECHA għandha tipproċedi bis-sustanzi nanomaterjali taħt Valutazzjoni fil-futur qarib, u b'hekk witta t-triq sabiex l-ECHA tkompli bl-attivitajiet ta' valutazzjoni ulterjuri fuq dawn id-dossiers. L-ECHA sejra timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjal bħala punt ta' riferiment fil-valutazzjoni tas-sustanzi u tistieden lir-reġistranti sabiex b'mod proattiv jikkaratterizzaw is-sustanzi tagħhom fid-dawl ta' din id-definizzjoni. L-ewwel għan tal-ECHA huwa li tipprovidi ċarezza dwar il-karatteristiċi psikokimiċi tan-nanomaterjali u sejra tuża l-istrumenti disponibbli ta' REACH sabiex tikseb dejta disponibbli jew sabiex titlob il-ġenerazzjoni ta' dejta ġdida. Il-workshop ikkonferma li approċċ gradwali bħal dak flimkien ma' interazzjoni kollaborattiva u kostruttiva mar-reġistranti ikun l-ewwel pass lejn valutazzjonijiet tas-sigurtà ta' nanomaterjali ta' REACH fil-ġejjieni.

Fil-workshop, ġie diskuss u appoġġat il-pjan li jitwaqqaf grupp ta' ħidma dwar in-nanomaterjali li jipprovdi pariri dwar prinċipji xjentifiċi u tekniċi relatati man-nanomaterjali f'REACH. Il-grupp ta' ħidma dwar in-nanomaterjali jkun jaġixxi b'mod indipendenti iżda jirrapporta għand il-kumitati rilevanti tal-ECHA (simili għall-grupp ta' ħidma dwar il-PBT diġà eżistenti). Il-mandat ta' dan il-grupp ta' ħidma sejjer jiġi kkonsolidat ulterjorment mal-MSCAs.

L-ECHA beħsiebha xxerred l-aħjar prattiki li bħalissa huma miġbura mill-partijiet interessati rilevanti li rreġistrew nanomaterjali u li ġew diskussi fl-ewwel laqgħa tal-GAARN (Grupp li Jivvaluta Nanomaterjali Diġà Rreġistrati) qabel il-workshop. Fuq il-bażi tal-isfidi prattiċi u l-esperjenzi ta' suċċess li ġew kondiviżi f'din il-laqgħa, u bl-appoġġ tal-gwida aġġornata b'mod riċenti dwar in-nanomaterjali, l-Aġenzija tittama li tħaffef ix-xogħol ta' dawk ir-reġistranti li beħsiebhom jirreġistraw in-nanomaterjali tagħhom sad-data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni li jmiss. Dawn l-aħjar prattiki sejrjn jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA sa dan is-sajf.

Aktar tagħrif:

Rapport dwar in-nanomaterjali:

<http://ec.europa.eu/environment/chemicals/nanotech/index.htm>

Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni tas-sigurtà kimika għan-nanomaterjali:

<http://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-information-requirements-and-chemical-safety-assessment>